MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Numru. 803/2004

PULIZIJA
SPETTUR THERESE SCIBERRAS
VS
SHANE ANTHONY SALVO SCICLUNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Shane Anthony Salvo Scicluna ta’ 32 sena, bin Salvo u Sylvia Margaret nee Ramsey, imwieled 31 ta’ Lulju 1972 Ingilterra u residenti go Shalom, Triq l-Insolja Attard ID 406590M talli f’dawn il-gzejjer, nhar it-2 ta’ Settembru 2004 u fil-jiem ta’ qabel ghal habta ta’ l-ghaxra ta’ filghodu gewwa Blackbull Bar Dragonara Road, San Giljan, mpjega jew ta’ xoghol lill-persuna/I li ma kienux persuni ezentati u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-kap 17 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli bhala persuna responsabbli gewwa fond f’San Giljan impjegat nies li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali.

Talli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full tme, part time jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefnit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali tas-sena 1993 (3a sa 10).

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Settembru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 32 tal-kap 217, u Art 3a sa 10 tal-Avviz Legali tas-sena 1993, tikkundannah ghal multa ta’ Lm500 li ghandha tithallas b’rati mensili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------